IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2019
COM(2019) 218 final

ANNEXES 1 to 5

ANNESSI

tal-

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-Ewropa f'Mejju 2019: Inħejju għal Unjoni aktar magħquda, b'saħħitha u aktar demokratika f'dinja li qiegħda ssir aktar inċerta

Il-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa informali tal-mexxejja tal-UE27 f'Sibiu (ir-Rumanija) fid-9 ta' Mejju 2019

ANNESS I

Progress fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika

L-aġenda ambizzjuża tal-UE b'rabta mal-impjiegi, mat-tkabbir u mal-investiment u l-ħidma tagħha fuq is-suq uniku kkontribwew għal irkupru ekonomiku b'saħħtu. L-ekonomija tal-Ewropa kibret għal sitt snin konsekuttivi. Sa mill-bidu tal-Kummissjoni Juncker inħolqu mat-12,6-il miljun impjieg u l-qgħad jinsab fl-inqas livell li qatt kien f'dan is-seklu. Fl-istess waqt tjiebet ukoll il-qagħda tal-finanzi pubbliċi fl-oqsma pubbliċi u l-inugwaljanzi fit-tqassim tal-ġid fost l-Istati Membri wkoll qed jerġgħu jonqsu.

TKABBIR B'SAĦĦTU U ŻIEDA FL-INVESTIMENT

Fis-snin reċenti, l-Ewropa mxiet minn irkupru ekonomiku għal espansjoni.

TKABBIR EKONOMIK U

fl-UE u fiż-żona euro

It-tkabbir kien madwar **2 %** fl-UE u fiż-żona euro fis-snin reċenti

L-UE u ż-żona euro issa kibru għal **24** trimestru

L-Istati Membri kollha rreġistraw tkabbir fl-2018

Minkejja l-isfidi globali, l-UE hija mistennija **tkompli tikber fl-2019 u fl-2020**

Il-prodott domestiku gross (PDG) qed jespandi b'mod kostanti
bidla f'% fil-PDG reali



Sors: il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat minbarra l-previżjonijiet).



49 %

- L-Ewropej għandhom **opinjoni pożittiva** tas-sitwazzjoni attwali tal-ekonomija Ewropea.

38 % ma jafux 13 % "ma jafux"

Sors: Ewrobarometru, ħarifa 2018.

L-indikatur tas-sentiment ekonomiku f'livell għoli



Sors: il-Kummissjoni Ewropea

- **L-investiment ġie lura għal-livell ta' qabel il-kriżi u qed jiżdied b'mod kostanti**

Sal-2020 il-Fond Juncker mistenni jiġġenera:

- **€500** **biljun f'investiment addizzjonali madwar l-Ewropa**



1,4 miljun **impjieg**

- 1,3 % **żieda** fil-PDG tal-UE

L-investiment qed jirpilja

% ta' bidla fil-livell tal-investiment meta mqabbel mal-2008



Nota: id-*data* għall-2019 u l-2020 hija previżjoni. *Sors:* il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat minbarra l-previżjonijiet).

IKTAR IMPJIEGI U IMPJIEGI AĦJAR

It-tkabbir ekonomiku huwa mezz biex jintlaħaq għan. Grazzi għat-tkabbir għandna Ewropa iktar soċjali.

12,6

-il miljun impjieg

inħolqu fl-UE sa mill-bidu tal-Kummissjoni Juncker

Qed iseħħ irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi

Impjiegi maħluqa mill-2008 'l hawn, f'miljuni ta' nies



UE28 Żona euro *Sors:* il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat minbarra l-previżjonijiet).

Filwaqt li għadu għoli wisq f'xi Stati Membri, il-qgħad jinsab fl-inqas livell madwar l-UE sa mill-bidu tas-seklu.

Il-qgħad qed jonqos

% tal-forza tax-xogħol



UE28 Żona euro *Sors:* il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

L-okkupazzjoni fl-Ewropa laħqet livell rekord

240

miljun ruħ qed jaħdmu madwar l-Unjoni tagħna

Ir-rata ta' impjieg qed tiżdied

% tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol



UE28 Żona *Sors:* il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

FINANZI PUBBLIĊI SODI

Sar progress sinifikanti biex ikun żgurat li l-finanzi pubbliċi tal-Ewropa jkunu sodi, sostenibbli u kapaċi jassorbu skossi futuri.

Id-deficit tal-gvern fl-UE naqas minn

6,6 %→ 0,6 %

2009 2018

Id-defiċit pubbliku fil-pajjiżi tal-UE qed jonqos

% tal-PDG



Nota: id-*data* għall-2019 u l-2020 hija previżjoni.

Il-proporzjon ta' dejn pubbliku mal-PDG niezel minn

88,3 %

2014

għal

81,5 %

2018

Id-dejn pubbliku huwa fuq perkors ta' tnaqqis

% tal-PDG



Nota: id-*data* għall-2019 u l-2020 hija previżjoni.
Sors: il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat minbarra l-previżjonijiet).

Stat Membru wieħed bħalissa għaddej minn Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li fl-2011 kien għad hemm 24



L-użu **tal-flessibilità fir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir** għamilha possibbli li jinstab il-bilanċ xieraq bejn it-twettiq ta' politiki fiskali sodi u l-appoġġ għat-tkabbir, l-iktar permezz tar-riformi u l-investiment.

L-istimi jissuġġerixxu li l-użu tal-flessibilità imbotta l-PDG tal-UE **b'0,8 % fl-aħħar erba' snin u rriżulta f'madwar 1,5 miljun impjieg**.

Sors: il-Kummissjoni Ewropea

STABBILTÀ FINANZJARJA MTEJBA

Iktar minn deċennju wara l-kriżi finanzjarja, il-banek Ewropej huma iktar b'saħħithom u iktar siguri.

IL-BANEK

...huma **kapitalizzati aħjar u waslu biex jilħqu**

20 %

bħala proporzjon kapitali totali medju: għal banek tal-UE (Q3 2018)

...għandhom **riżervi ta' likwidità**

Mill-2014 'il quddiem **il-ħażna ta' assi likwidi żdiedet €812-il biljun**

...u għalhekk huma **mgħammra aħjar biex jiffinanzjaw l-ekonomija**

Il-proporzjon kapitali totali



Sors: il-Kummissjoni Ewropea

Il-**proporzjon ta' selfiet improduttivi** fil-banek tal-UE **naqas b'iktar min-nofs** mill-2014 'l hawn, u laħaq l-iktar livell baxx sa mill-aħħar trimestru tal-2014

Selfiet u avvanzi improduttivi grossi totali fl-UE

f'% ta' selfiet u avvanzi grossi totali, valuri ta' tmiem it-trimestru

Sors: il-Bank Ċentrali Ewropew.

Selfiet u avvanzi improduttivi grossi għal kull Stat Membru

f'% ta' selfiet u avvanzi grossi totali



Sors: il-Bank Ċentrali Ewropew.

(³) Wara li laħaq l-ogħla livell tiegħu, ta' 47,4 % fi Q3 2016, il-proporzjon tas-selfiet improduttivi fil-Greċja naqas għal 43,5 % fi Q3 2018. Dan it-titjib gradwali jikkostitwixxi tnaqqis ta' 8,1 %.

IR-RWOL TAL-EURO

L-euro jġib stabbiltà u benefiċċji tanġibbli. Ir-rwol globali tiegħu qiegħed jiżdied.

Tlieta minn kull erba' ċittadini taż-żona euro **jappoġġaw il-munita unika**. Dan huwa **l-ogħla livell li qatt kien hemm**.

L-appoġġ għall-euro fost iċ-ċittadini taż-żona euro, f'%



Sors: Ewrobarometru, ħarifa 2018.

fl-UE

jintuża f'
19
-il Stat Membru

jintuża
340
miljun ruħ fl-Ewropa

għandu rekord qawwi ta' **stabbiltà**

joffri ambjent tan-negozju **prevedibbli**

fid-dinja

60
pajjiż u territorju li mhumiex fl-UE rabtu **l-munita tagħhom** direttament jew indirettament mal-euro

it-tieni l-iktar munita użata fid-dinja

175
miljun persun

Sehem l-euro fil-ħlasijiet globali
f'%



L-euro għamel in-negozju u l-ħajja ħafna eħfef għall-Ewropej:

- **stabbiltà fil-prezzijiet:** bħala medja l-inflazzjoni taħt it-2 %
- **swieq iktar trasparenti u kompetittivi:** il-prezzijiet jistgħu jitqabblu faċilment
- **inqas spejjeż għall-ivvjaġġar:** l-ispejjeż tal-kambju tal-flus spiċċaw
- **iktar kummerċ transfruntier:** ma fadalx spejjeż tar-rati tal-kambju
- **iffrankar ta' interessi għall-Istati Membri b'riżultat tal-introduzzjoni tal-euro:** sa €70 biljun fis-sena[1]

Sors: il-Kummissjoni Ewropea

ANNESS II

L-opinjoni pubblika tal-UE 2014–2019

Meta mqabbla mal-2014, l-opinjoni pubblika fl-2019 hija aktar pożittiva lejn l-Unjoni Ewropea. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru juri appoġġ ġenerali wiesa' għall-proġett Ewropew u l-kisbiet tiegħu.

Sħubija fl-UE

Maġġoranza dejjem tikber tal-Ewropej jaħsbu li sħubija fl-UE hija ħaġa tajba għal pajjiżhom. Dan huwa l-ogħla livell f'27 sena.



Paragun mal-aħħar stħarriġ qabel il-Brexit (Settembru 2015)

Kieku kellu jsir referendum għada dwar is-sħubija ta' (PAJJIŻNA) fl-UE, kif tivvota? (%)



Fiduċja fl-Unjoni Ewropea

Bħala medja, il-fiduċja fl-UE hi akbar mill-fiduċja fil-gvernijiet nazzjonali.

'Għandi t-tendenza li nafda l-



Kemm għandek fiduċja f'ċerti midja u istituzzjonijiet. Għal kull waħda minn dawn il-medja u l-istituzzjonijiet, jekk jogħġbok għidli jekk inti m'għandekx it-tendenza li tafdaha jew li ma tafdahiex.

L-Unjoni Ewropea (%)



Appoġġ għall-euro

75% taċ-ċittadini taż-żona euro huma favur l-euro, l-ogħla livell mill-introduzzjoni tal-euro.



Sorsi:

- Ewrobarometru Standard 90, ħarifa 2018 (Kummissjoni Ewropea)
- Parlemeter 2018 (Parlament Ewropew)

L-ANNESS III

L-aqwa 20 kisba tal-UE 2014–2019

1. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

Biex tappoġġa l-irkupru wara l-kriżi finanzjarja u ekonomika u toħloq il-kundizzjonijiet għall-impjiegi u t-tkabbir, il-Kummissjoni Juncker nediet il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa fl-2014, komunement magħruf bħala l-Fond Juncker għall-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. Fil-qalba tiegħu hemm il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, jew il-FEIS L-objettivi kienu tlieta: biex ireġġa' lura x-xejra ta' tnaqqis fl-investiment billi jitneħħew l-ostakli għall-investiment; biex jipprovdi viżibbiltà u assistenza teknika għall-proġetti ta' investiment; u biex jagħmel użu iktar effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi skarsi billi jimmobilizza l-investiment privat permezz ta' garanzija pubblika.

L-ekonomija tal-Ewropa issa kibret għal sitt snin konsekuttivi. Il-FEIS diġà wassal EUR 392,6 biljun f'investimenti f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u f'oqsma ewlenin bħall-infrastruttura, ir-riċerka, l-enerġija rinnovabbli, l-ambjent u l-proġetti diġitali u soċjali. Il-mira tal-2020 hija ta' EUR 500 biljun, li jwasslu għall-ħolqien globali ta' 1,4 miljun impjieg ġdid fl-UE. Il-programm InvestEU huwa mistenni li jibni fuq dan is-suċċess fil-baġit fit-tul li jmiss.

2. L-użu tal-flessibbiltà tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni stabbiliet kif biħsiebha tuża l-flessibbiltà mibnija fuq ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dan l-approċċ kien appoġġat mill-Kunsill tal-Ministri u għen l-irkupru ekonomiku tal-Ewropa billi għamilha possibbli li jinstab il-bilanċ xieraq bejn it-twettiq ta' politiki fiskali sodi u l-appoġġ għat-tkabbir, l-iktar permezz tar-riformi u l-investiment. L-istimi jissuġġerixxu li l-użu ta' din il-flessibbiltà ta spinta lill-prodott domestiku gross tal-UE b' 0,8 % matul l-aħħar erba' snin u għen biex jinħolqu

1,5 miljun impjieg. Fl-istess ħin, id-dejn tal-gvern naqas b'6,8 punti perċentwali bejn l-2014 u l-2018, u d-defiċit tal-UE naqas b'medja ta' madwar 3 % għal 0,6 %.

3. Salvata s-sħubija tal-Greċja fiż-żona tal-euro

Il-Kummissjoni Juncker bdiet il-mandat tagħha wara kriżi ġdida Griega tad-dejn. Minbarra li ffaċilitat in-negozjati bejn l-atturi kollha, f'Lulju 2015, il-Kummissjoni nediet pjan biex tgħin lill-Greċja tistabbilizza l-ekonomija tagħha u timmassimizza l-użu tal-fondi tal-UE biex tagħti spinta lill-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, billi mmobilizzat sa EUR 35 biljun għall-Greċja taħt diversi programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014–2020. Fl-istess mument kritiku, self fuq terminu qasir ta' EUR 7 biljun ġie mmobilizzat bħala finanzjament tranżitorju taħt il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja, biex effettivament ipprevjena li l-Greċja toħroġ miż-żona tal-euro. Il-Kummissjoni offriet ukoll appoġġ tekniku avvanzat biex tgħin fil-bini tal-appoġġ amministrattiv neċessarju permezz tas-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali tal-Kummissjoni maħluq fl-2015.

F'Awwissu 2018, il-Greċja ħarġet mill-programm ta' appoġġ għall-istabbiltà ta' tliet snin tagħha, li pprovda total ta' EUR 61,9 biljun f'self ibbażat fuq l-implimentazzjoni ta' programm ta' riforma komprensiv u bla preċedent. It-tkabbir issa huwa pożittiv u, f'livell ta' madwar 2%, f'għaxar snin qiegħed jilħaq l-ogħla livelli tiegħu. Filwaqt li għadu għoli wisq, il-qgħad naqas ukoll b'mod sinifikanti minn meta laħaq l-ogħla livell tiegħu. Hemm fis-seħħ monitoraġġ imsaħħaħ biex jiġi mmassimizzat l-appoġġ tal-UE u jiġi żgurat li dan il-progress jitkompla.

4. Il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima

L-UE kellha rwol ewlieni bħala medjatur tal-Ftehim storiku, ambizzjuż u globali ta' Pariġi dwar il-Klima. 195 pajjiż qablu dwar għan sempliċi: li jgħaddu lill-ġenerazzjonijiet futuri, pjaneta iktar b'saħħitha u soċjetajiet iktar sinjuri, moderni u ġusti. L-UE hija l-unika ekonomija kbira fid-dinja li sarrfet b'mod sħiħ f'leġiżlazzjoni l-passi biex tissodisfa l-impenji tagħha tal-Ftehim ta' Pariġi u se tnaqqas mill-inqas 40% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha sal-2030 bi tħejjija għal ekonomija newtrali mil-lat ta' klima.

Dan huwa investiment fil-prosperità tagħna u fit-tħejjija għal ekonomija sostenibbli, newtrali għall-klima u ċirkolari.

5. Projbizzjoni fuq plastik b'użu ta' darba

Biex jitnaqqsu l-25 miljun tunnellata ta' skart tal-plastik kull sena u tiżdied ir-rata ta' riċiklaġġ għall-plastik, attwalment 30 % biss, l-UE adottat l-ewwel Strateġija komprensiva fid-dinja dwar il-Plastik. Bħala parti mill-Istrateġija, ġew introdotti miżuri stretti għall-10 prodotti tal-plastik li ħafna drabi jinsabu fuq il-bajjiet tagħna kif ukoll fuq l-irkaptu abbandunat. Dan jinkludi projbizzjoni fuq ċerti plastiks li jintużaw darba biss fejn hemm alternattivi disponibbli malajr, bħal tajjar għat-tindif tal-widnejn muntat fuq il-plastik, pożati, platti, straws, ħawwada tax-xorb, jew stikek għall-bżieżaq. Il-miżuri se jevitaw l-emissjoni ta' 3,4 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għal CO_2 , inaqqsu l-iskart tal-oċeani u l-effetti ambjentali negattivi tiegħu u jressquna eqreb lejn ekonomija verament ċirkolari.

6. Ftehimiet kummerċjali tal-UE mal-Ġappun u mal-Kanada

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun huwa l-akbar ftehim kummerċjali li qatt ġie nnegozjat mill-UE u l-ewwel ftehim kummerċjali li qatt sar li jinkludi impenn għall-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. L-UE u l-Ġappun flimkien jirrappreżentaw kważi terz tal-prodott domestiku gross dinji u l-ftehim se joħloq żona ta' kummerċ miftuħ li tkopri iktar minn 600 miljun persuna. Dan il-ftehim ġie kkomplementat bil-konklużjoni ta' arranġament ta' adegwatezza reċiproka mal-Ġappun li ħoloq l-akbar żona fid-dinja ta' flussi ta' *data* bla ħlas, abbażi ta' livell għoli ta' protezzjoni.

L-UE kkonkludiet ukoll ftehim kummerċjali modern mal-Kanada li jiftaħ is-swieq tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-akkwist pubbliku tal-Kanada għall-kumpaniji Ewropej u jgħin biex jipproteġi d-drittijiet tax-xogħol u l-ambjent. B'mod partikolari għall-kumpaniji iżgħar tal-UE, il-ftehim se jagħmilha iktar faċli u irħas li jesportaw iktar lejn il-Kanada.

Id-dazji doganali li tneħħew miż-żewġ ftehimiet iwasslu għal frankar sa EUR 1,59 biljun fis-sena għall-kumpaniji Ewropej.

7. 25 ta' Lulju 2018 Dikjarazzjoni Konġunta UE- l-Istati Uniti

Wara tensjonijiet kummerċjali li bdew jiżdiedu, il-President Juncker u l-President Trump nedew fażi ġdida fir-relazzjoni kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-White House fil-25 ta' Lulju 2018.

Iż-żewġ naħat qablu li ma jiġu imposti l-ebda tariffi ġodda, filwaqt li jaħdmu lejn l-eliminazzjoni tat-tariffi industrijali eżistenti kollha, u li l-kooperazzjoni f'għadd ta' setturi, inklużi kwistjonijiet ta' enerġija u dawk regolatorji, tiġi żviluppata iktar. Grupp ta' Ħidma Eżekuttiv bejn l-UE u l-Istati Uniti stabbilit f'dik l-okkażjoni diġà qed jaħdem fuq l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta.

8. Dikjarazzjoni UE-Turkija

Wara d-Dikjarazzjoni UE-Turkija, iż-żewġ naħat impenjaw ruħhom li jipprovdu assistenza umanitarja lir-refuġjati – b'mod partikolari lil dawk li qed jaħarbu l-gwerra ċivili Sirjana. Minħabba t-titjib fil-ġestjoni tal-flussi migratorji, fl-2018 il-wasliet fil-Lvant tal-Mediterran naqsu b'90 % meta mqabbla mal-2015. B'mod parallel, l-UE appoġġat lir-refuġjati fit-Turkija b'EUR 3 biljun fl-2016–2017 u diġà għamlet EUR 1,2 biljun f'pagament ulterjuri ta' EUR 3 biljun disponibbli biex tkompli tipprovdi dan l-appoġġ vitali fil-futur.

9. Risistemazzjoni ta' refuġjati u l-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE

Mill-2015 'l hawn, il-programmi ta' risistemazzjoni tal-UE ta' suċċess għenu biex iktar minn 50 000 mill-persuni l-iktar vulnerabbli minn madwar id-dinja jsibu kenn fl-UE. Billi ħadmu flimkien, l-Istati Membri setgħu jimmiraw lejn reġjuni ta' prijorità bħar-refuġjati Sirjani fil-Ġordan, fil-Libanu u fit-Turkija jew refuġjati evakwati mil-Libja. Is-sena li għaddiet, l-Istati Membri għamlu l-akbar impenn kollettiv dwar ir-risistemazzjoni li qatt sar fl-UE, 50 000 post, taħt l-iskema ta' risistemazzjoni volontarja proposta mill-President Juncker.

Biex jipprovdi edukazzjoni, protezzjoni, saħħa u appoġġ soċjoekonomiku lil iktar minn żewġ miljun Sirjan, il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE mmobilizza EUR 1,5 biljun biex jiffinanzja 46 proġett fl-Iraq, fil-Ġordan, fil-Libanu u fit-Turkija.

10. Is-sigurtà tal-fruntieri tal-UE

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta l-ġdida tfisser li iktar minn 1 600 gwardja tal-fruntiera issa qed jgħinu l-pattulja tal-fruntieri esterni tal-Unjoni fil-Bulgarija, fil-Greċja, fl-Italja u fi Spanja. Il-pass li jmiss, issa li ntlaħaq ftehim dwar il-proposta tal-Kummissjoni, huwa li l-Aġenzija tespandi ulterjorment u li tissaħħaħ permezz tat-tagħmir tagħha stess u korp permanenti ta' 5 000 gwardja tal-fruntiera mill-2021 u 10 000 sa mhux iktar tard mill-2027, kif ukoll mandat iktar b'saħħtu biex twettaq ir-ripatrijazzjoni. Sett ta' sistemi tal-informazzjoni ġodda mtejba u interoperabbli se jżommu l-fruntieri tagħna iktar sikuri u iktar konvenjenti għall-vjaġġaturi. Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ se tħaffef il-proċeduri għal vjaġġaturi *bona fide* u tidentifika fejn hemm dubji, u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar se tippermetti li jsiru kontrolli ta' qabel l-ivvjaġġar iktar effiċjenti fuq viżitaturi mingħajr viża. L-informazzjoni kollha rilevanti se tiġi skambjata bejn l-Istati Membri f'ħin reali biex jiġi żgurat li r-regoli jiġu applikati kif xieraq.

11. Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika u Pjan ta' Investiment Estern

Il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika ta' EUR 4.2 biljun huwa wieħed mill-għodod l-iktar effettivi tal-UE għall-finanzjament ta' proġetti relatati mal-migrazzjoni u għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari. S'issa, ġew approvati 193 proġett b'enfasi wiesa' li jvarjaw minn żvilupp ekonomiku u governanza għal kura tas-saħħa u migrazzjoni, inkluż assistenza ta' salvataġġ immirata għal persuni li jeħtieġu protezzjoni. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Investiment Estern, li jibni fuq l-esperjenzi tal-Pjan Juncker, huwa mistenni li jimmobilizza iktar minn EUR 44 biljun kemm f'investimenti pubbliċi kif ukoll privati sal-2020 fl-Afrika u fil-viċinat tal-UE. Il-Pjan ta' Investiment Estern u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli tiegħu jiffukaw fuq li jagħtu spinta lill-investimenti f'għadd ta' oqsma ta' prijorità bħal: l-enerġija nadifa; il-finanzjament ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju; l-agrikoltura; u d-diġitalizzazzjoni għall-iżvilupp inklużiv.

12. RescEU, il-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili tal-UE il-ġdid.

L-Unjoni Ewropea ffaċċat għadd kbir ta' diżastri dejjem iktar frekwenti u kumplessi li rriżultaw f'telf ta' ħajja u konsegwenzi oħra ta' ħsara għaċ-ċittadini, għan-negozji, għall-komunitajiet u għall-ambjent. Fl-

2018, kważi 100 persuna mietu minħabba diżastri naturali fl-Ewropa, u konna xhieda ta' nirien f'xi reġjuni Ewropej li qatt ma kienu ġew affettwati qabel. Il-kostijiet ekonomiċi huma enormi: fl-2016 ġew irreġistrati kważi EUR 10 biljun f'danni fl-Ewropa. L-UE għandha twieġeb għal din l-isfida u tipproteġi aħjar liċ-ċittadini tagħha minn dawn id-diżastri, billi żżid u ttejjeb il-prevenzjoni u t-tħejjija. Fl-2018, pajjiżi tal-UE talbu assistenza kważi 10 darbiet, l-iktar għal nirien fil-foresti, appoġġ mediku u tniġġis tal-baħar. Ir-RescEU jipprovdi kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili għal dawk milquta minn diżastri u li huma l-iktar fil-bżonn ta' għajnuna fl-Ewropa u madwar id-dinja. Din ir-riżerva ta' assi għandha tintuża meta l-pajjiżi jeħtieġu assistenza rapida biex ilaħħqu ma' diżastru. Dawn jinkludu ajruplani għat-tifi tan-nar kif ukoll mezzi oħra li jirrispondu għal sitwazzjonijiet bħal emerġenzi mediċi. Fl-2017 u fl-2018, il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat 52 darba.

13. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, li daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018, mhux biss għamel lill-Ewropa adatta għall-era diġitali, iżda stabbilixxa wkoll standard globali ġdid għall-privatezza. Din il-liġi unika u pan-Ewropea tissalvagwardja d-dritt fundamentali taċ-ċittadini għall-protezzjoni tad-*data* filwaqt li tippermetti lill-individwi u lill-kumpaniji biex jaħtfu bis-sħiħ l-opportunitajiet tas-Suq Uniku Diġitali mingħajr ma jkollhom bżonn jgħaddu minn 28 proċeduri għaljin u burokratiċi differenti. Huwa stmat li l-benefiċċji jilħqu EUR 2,3 biljun fis-sena.

Iċ-ċittadini issa jistgħu jserrħu fuq drittijiet iktar b'saħħithom, bħad-dritt għall-aċċess għad-*data* tagħhom, id-dritt għar-rettifika, id-dritt li wieħed ikun minsi u d-dritt għall-portabbiltà tad-*data*. Ir-regoli l-ġodda, li daħħlu sanzjonijiet iebsa, jipproteġu lill-Ewropej milli tiġi abbużata d-*data* personali tagħhom, pereżempju fil-kuntest tal-kampanja għall-elezzjonijiet Ewropej.

Għan-negozji, ir-riforma tipprovdi ċarezza u konsistenza tar-regoli li għandhom japplikaw u tgħin biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumatur. Fuq skala internazzjonali, l-UE bdiet tifforma r-regoli dwar il-privatezza tad-*data*: Hija ħolqot l-akbar żona fid-dinja ta' flussi ta' *data* bla ħlas u sikuri mal-Ġappun, filwaqt li l-Arġentina, l-Urugwaj, il-Kanada, il-Messiku, l-Indja, Iżrael, California u New Zealand kollha bdew jaħdmu fuq il-liġijiet ta' privatezza ispirati mill-istandard Ewropew il-ġdid.

Bejn Mejju 2018 u Jannar 2019, 95,180 ilment ġew notifikati lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fl-Ewropa. Jistgħu jinħarġu multi għoljin meta r-regoli ma jiġux rispettati: fl-Awstrija, kafetterija għall-imħatri fuq l-isport ġiet immultata EUR 5 280 għal sorveljanza bil-vidjo illegali; fil-Ġermanja, operatur tan-netwerk soċjali kellu jħallas EUR 20 000 talli naqas milli jipproteġi d-*data* tal-utenti; u fi Franza, Google kellha tħallas EUR 50 miljun talli ma talbitx il-kunsens għar-reklami.

14. Tmiem it-tariffi tar-roaming

Mill-15 ta' Ġunju 2017, l-Ewropej kollha jistgħu jċemplu, jibagħtu messaġġi u jużaw l-Internet bil-mowbajl mingħajr spejjeż żejda meta jivvjaġġaw fl-UE. It-tmiem sħiħ tat-tariffi tar-roaming segwa għaxar snin ta' tnaqqis drastiku u progressiv fil-prezzijiet, xprunat mill-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-roaming. Bejn l-2007 u l-2016, il-prezzijiet tar-roaming naqsu b'iktar minn 90%. L-Ewropej immedjatament ħatfu l-benefiċċji ta' "Roaming daqslikieku f'pajjiżek": l-użu tad-*data* mobbli kiber bi 12-il darba, filwaqt li n-numru ta' telefonati magħmula mill-vjaġġaturi rdoppja meta mqabbel mad-drawwiet qabel Ġunju 2017.

Mill-15 ta' Mejju 2019, il-kostijiet għal telefonati barra, fi ħdan l-UE se jagħmlu l-istess u se jonqsu b'mod drammatiku wkoll: sa massimu ta' 19-il ċenteżmu kull minuta għal telefonata u 6 ċenteżmi għal kull SMS, VAT mhux inkluża - sa 10 darbiet irħas minn qabel.

15. Ir-Riforma tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

Il-ħaddiema għandhom jaqilgħu l-istess paga għall-istess xogħol fl-istess post. Biex jiġi garantit li dan il-prinċipju bażiku, stabbilit fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, japplika wkoll għal iktar minn 2 miljun

ħaddiem stazzjonati temporanjament fi Stat Membru differenti, ġew riformati r-regoli dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema.

Biex jiġi żgurat li r-regoli kollha tal-UE dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol jiġu infurzati b'mod ġust, sempliċi u effettiv, inħoloq korp Ewropew ġdid ta' infurzar. Din l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol se tappoġġa l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE fl-infurzar transfruntier tal-liġi rilevanti tal-Unjoni, inkluż l-iffaċilitar ta' spezzjonijiet konġunti. Hija se tiffaċilita l-aċċess għall-individwi u għall-persuni li jħaddmu għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom kif ukoll għas-servizzi rilevanti.

16. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li se jgħin biex jissalvagwardja l-flus tal-kontribwenti tal-UE, bħalissa qed jiġi stabbilit bi 22 Stat Membru parteċipanti. Għandu mandat biex jinvestiga u jieħu passi legali f'każijiet kriminali fejn hemm fin-nofs l-interessi finanzjarji tal-UE, bħall-użu ħażin tal-fondi tal-UE jew il-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud transfruntier li kull sena jiswew lill-kontribwenti tat-taxxa mill-inqas EUR 50 biljun fi dħul mitluf mill-baġits nazzjonali. Dan jirrivoluzzjona r-rwol tal-UE f'dan il-qasam billi, għall-ewwel darba, jagħtiha għodda b'saħħitha biex taġixxi fl-infurzar tal-liġi.

Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll inizjattiva li tagħti mandat addizzjonali lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex jinvestiga delitti terroristiċi transfruntiera. Peress li t-terroriżmu ma għandux fruntieri, jeħtieġ li l-Ewropa tkun kapaċi tressaq il-qorti lit-terroristi b'mod iktar koordinat u effettiv.

17. Ir-riforma tad-Direttiva dwar il-Gass

Id-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq il-gass naturali importat qed tikber. Din ix-xejra x'aktarx li se tkompli minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni tal-gass domestiku, li huwa biss parzjalment ikkumpensat minn tnaqqis fid-domanda għall-gass minħabba l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-politiki ta' dekarbonizzazzjoni. Is-sehem tal-importazzjonijiet tal-gass netti meta mqabbla mal-konsum totali tal-gass tal-UE kien ta' 74,4 % fl-2017.

Ir-riforma tad-Direttiva tal-Gass tiżgura li l-istess regoli jiġu applikati fit-territorju kollu tal-UE (l-art u l-baħar) u tipprovdi għal sorveljanza effettiva dwar l-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern tal-UE. Hija ttejjeb it-trasparenza u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali. Dan huwa pass importanti lejn suq intern tal-gass tal-UE li jiffunzjona tajjeb, trasparenti u kompetittiv fejn il-fornituri kollha jaġixxu skont l-istess regoli tal-UE.

18. Kooperazzjoni Strutturata Permanenti u Fond Ewropew għad-Difiża

In-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tad-difiża hu stmat li jiswa bejn EUR 25 biljun u EUR 100 biljun fis-sena. Fl-Ewropa hemm 178 sistema tal-armi meta mqabbla ma' 30 fl-Istati Uniti, u b'hekk l-infiq fil-qasam tad-difiża huwa ħafna inqas effiċjenti. Huwa għalhekk li l-UE qed iżżid ir-rwol tagħha bħala fornitur tas-sigurtà u tad-difiża u qed tibni Unjoni Ewropea tad-Difiża. Il-kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) tnediet biex issaħħaħ is-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa, u qed jipparteċipaw 25 mill-Istati Membri tal-UE. Il-Fond Ewropew għad-Difiża beda jiffunzjona , bl-ewwel proġetti li qed irawmu l-investimenti transfruntieri fl-iktar teknoloġija u tagħmir avvanzati u kompletament interoperabbli tad-difiża f'oqsma bħas-softwer kriptat u t-teknoloġija tad-droni.

19. Il-Ftehim tal-Maċedonja ta' Fuq

F'Ġunju 2018, Ateni u Skopje laħqu ftehim bilaterali (il-"Ftehim ta' Prespa") dwar ir-riżoluzzjoni tad-differenzi bejn il-pajjiżi tagħhom, inkluż fuq l-isem, u solvew waħda mill-eqdem kunflitti fir-reġjun. Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq nnotifikat lill-UE b'mod formali dwar id-dħul fis-seħħ tal-ftehim fi Frar 2019.

L-Unjoni Ewropea appoġġat bis-sħiħ il-ftehim storiku ffirmat mill-Prim Ministri Tsipras u Zaev, wara negozjati taħt l-awspiċju tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr il-ħidma tal-UE fil-pajjiż u l-inċentiv u l-impetus il-ġdid tal-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent fl-2018. Kull naħa uriet kuraġġ politiku, tmexxija u responsabbiltà biex issolviet waħda mill-iktar tilwimiet fissi fir-reġjun. Iż-żewġ pajjiżi

ħatfu din l-opportunità unika, li tagħti eżempju ta' rikonċiljazzjoni għall-Ewropa kollha kemm hi u tagħti spinta oħra lill-prospetti Ewropej tar-reġjun.

20. Ir-Riforma tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

S'issa iktar minn 9 miljun Ewropew appoġġaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u l-Kummissjoni ħadet azzjoni konkreta, inkluż billi pproponiet leġiżlazzjoni, biex issegwi inizjattivi li ġabru mill-inqas miljun firma. Ir-regoli riformati se jagħmlu dan l-istrument parteċipattiv iktar aċċessibbli u faċli għall-utent. Se jkun iktar faċli għaċ-ċittadini li jibdew inizjattivi u jiffirmawhom. Ġiet stabbilita pjattaforma ta' kollaborazzjoni online biex tipprovdi pariri u tippermetti liċ-ċittadini minn madwar l-Ewropa biex jagħmlu kuntatti u jħejju l-inizjattivi tagħhom. Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll servizz bla ħlas lill-organizzaturi għall-ġbir online tal-firem.

ANNESS IV

Ħidma mhux mitmuma: l-Għaxar kwistjonijiet ewlenin tal-UE li għad irid jintlaħaq ftehim finali dwarhom

1. Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027

Il-proposti tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 ġdid, ippreżentati f'Mejju u f'Ġunju 2018, jistabbilixxu s-sisien għal baġit fit-tul iktar modern u effiċjenti li jgħin lill-UE tiffoka fuq il-prijoritajiet ewlenin.

EUR 1 minn kull EUR 4 se jintefqu għall-azzjoni klimatika, filwaqt li l-programmi għaż-żgħażagħ, bħall-Erasmus, se jirċievu iktar mid-doppju tal-finanzjament.

Il-proposti imressqa huma kemm viżjoni tal-Unjoni li rridu aħna kif ukoll pjan pragmatiku dwar kif se naslu biex niksbuha. Jiġifieri kif se niksbu valur miżjud Ewropew reali, billi ninvestu ferm iktar f'oqsma fejn Stat Membru wieħed individwali ma jistax jaġixxi waħdu jew fejn ikun iktar effiċjenti li l-azzjoni tkun kollettiva. Għalhekk, il-finanzjamenti għar-riċerka u l-innovazzjoni, għall-investimenti strateġiċi Ewropej, għas-suq uniku u għall-programmi spazjali se jirċievu total ta' EUR 187,4 biljun, filwaqt li l-finanzjament għall-azzjoni esterna se jirċievi EUR 123 biljun, il-finanzjament għall-programmi relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni se jiżdied għal EUR 34,9 biljun, u l-infiq għas-sigurtà u d-difiża se jiżdied għal EUR 27,5 biljun.

2. Ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil

Fis-snin reċenti l-Ewropa għamlet passi kbar 'il quddiem fil-politika dwar il-migrazzjoni u kienet kapaċi tkampa waqt il-kriżi tal-2015-2016. Madankollu, xorta waħda jeħtieġ tinħoloq sistema tal-ażil li tkun effettiva għalkollox, umana u kapaċi tindirizza kwalunkwe kriżi oħra fil-ġejjieni. Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil tipprovdi standards minimi komuni għat-trattament ta' dawk kollha li jfittxu l-ażil. Tikkonsisti minn qafas legali li jkopri l-aspetti kollha tal-proċess tal-ażil kif ukoll aġenzija ta' appoġġ — l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO). Is-sett ta' proposti għar-riforma tas-sistema tal-ażil ippreżentati mill-Kummissjoni f'Mejju u f'Lulju 2016 kienu jipprevedu bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà. Dawn il-miżuri jkunu ta' benefiċċju għal dawn li jfittxu l-protezzjoni, permezz ta' kundizzjonijiet iktar konsistenti u permezz ta' teħid iktar sempliċi u iktar veloċi tad-deċiżjonijiet. Inaqqsu l-inċentivi għal movimenti sekondarji, jiskoraġġixxu l-asylum shopping, jiġifieri li min ifittex l-ażil joqgħod ifittex pajjiż li jilqgħu bl-aħjar kundizzjonijiet, u jappoġġaw ir-ritorni iktar effiċjenti ta' dawk li ma jkollhomx id-dritt li joqogħdu fil-pajjiż. Ir-regoli li jiddeterminaw liema pajjiż tal-UE huwa responsabbli għal applikazzjoni għall-ażil isiru iktar ċari u effettivi, b'sistema iktar strutturata u prevedibbli ta' appoġġ għall-Istati Membri li jispiċċaw taħt pressjoni sproporzjonata. Il-ħtieġa għal sistema mmodernizzata tal-ażil li tkun tlaħħaq mal-pressjoni tal-ġejjieni tibqa' waħda kbira.

3. Il-privatezza online

L-Ewropa għandha l-aqwa standards tal-protezzjoni tad-*data* fid-dinja, iżda r-regoli tagħha dwar il-privatezza online huma antikwati ferm – is-servizzi online jistgħu jaqraw il-komunikazzjoni tagħna fuq l-internet u jikkondividuha mingħajr il-kunsens tagħna. 92% tal-Ewropej mistħarrġa fl-2016 qalu li l-kunfidenzjalità tal-emails u tal-messaġġi istantanji tagħhom għandha tiġi ggarantita. Il-proposta tal-Kummissjoni, ippreżentata fl-10 ta' Jannar 2017, twasslilhom dik il-protezzjoni.

4. L-evidenza elettronika u l-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online

Il-kriminali jħallu traċċi diġitali — fl-emails jew fid-dokumenti maħżuna fi cloud — li jistgħu jservu ta' evidenza fil-qrati. Il-proposta tal-Kummissjoni, ippreżentata fis-17 ta' April 2018, tipprevedi regoli ġodda

adattati għad-dinja diġitali li permezz tagħhom il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji fi Stati Membri differenti jkunu jistgħu jiksbu l-evidenza li jkollhom bżonn biex jinvestigaw, iressqu quddiem il-qorti u jikkundannaw lill-kriminali u lit-terroristi, iktar faċilment u b'mod iktar veloċi. F'dawn l-aħħar snin, kumpaniji kbar tal-internet bħal Facebook, Twitter u Google, kulma jmur kienu qed ineħħu l-kontenut terroristiku online. Madankollu, ir-rispons mhux qed ilaħħaq mal-kobor tat-theddida. Il-proposta tal-Kummissjoni, ippreżentata fit-12 ta' Settembru 2018, tiżgura qafas legali ċar u armonizzat għall-prevenzjoni tal-użu ħażin tas-servizzi ta' ospitar għad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, billi timponi t-tneħħija awtomatika ta' tali kontenut fi żmien siegħa.

5. Iż-żona Schengen – il-preservazzjoni tas-sigurtà u tal-moviment liberu

Ir-regoli dwar l-introduzzjoni temporanja mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntieri fiż-żona Schengen jeħtieġ li jiġu aġġornati. Il-proposta tal-Kummissjoni, ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2017, tiżgura bilanċ ġust bejn l-indirizzar effettiv tat-theddidiet attwali għas-sigurtà interna, u l-iżgurar li l-kontrolli fil-fruntieri interni jibqgħu jkunu eċċezzjoni u mhux jillimitaw bla bżonn il-moviment liberu fl-Ewropa.

6. Regoli moderni tat-taxxa għal ekonomija moderna

Il-proposta tal-Kummissjoni għal bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva, ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2016, twassal biex in-negozju fis-suq uniku tal-Ewropa jsir b'mod iktar faċli u li jiswa inqas flus. Tnaqqas ukoll ħafna mill-possibbiltajiet ta' evitar tat-taxxa, u tgħin biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji multinazzjonali. Ma tkunx tfisser rati komuni tat-taxxa — kull pajjiż tal-UE jibqa' jiddeċiedi dwar ir-rati għalih innifsu. Ir-regoli internazzjonali dwar it-tassazzjoni korporattiva huma partikolarment antikwati fir-rigward tas-servizzi diġitali. Il-proposta tal-Kummissjoni għal taxxa għas-servizzi diġitali, ippreżentata fil-21 ta' Marzu 2018, tagħmilha iktar ċara li t-taxxa għandha titħallas fejn isir il-profitt, anke jekk ma jkun hemm l-ebda preżenza fiżika min-naħa tal-kumpaniji l-kbar tat-teknoloġija. Il-proposta tal-Kummissjoni għal żona unika tal-UE għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), ippreżentata fit-18 ta' Jannar 2018, twassal biex ikun iktar diffiċli li wieħed jiffroda s-sistema tal-VAT kif ukoll tipproteġi d-dħul tal-gvern.

7. L-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u l-Miżura ta' Garanzija ta' Kontinġenza għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, ippreżentata fis-17 ta' Novembru 2015, tikkompleta l-Unjoni Bankarja u tkun komponent essenzjali ta' sistema finanzjarja mibnija fuq munita komuni. Hija tikkomplementa l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ittejjeb il-protezzjoni tal-klijenti tal-banek u tkompli żżid l-istabbiltà u r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja fiż-żona euro u lil hinn minnha. Il-miżura ta' garanzija ta' kontinġenza għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni — li ġiet miftiehma fil-prinċipju iżda li għadha mhijiex operazzjonali — tkompli żżid il-fiduċja fis-sistema bankarja tal-UE billi tipprovdi linja ta' kreditu lill-Fond u tkompli tnaqqas ir-riskju li l-kontribwenti jkollhom jagħmlu tajjeb għall-banek li jfallu. Il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, li huwa prefinanzjat minn kontribuzzjonijiet mill-banek taż-żona euro, għandu daqs fil-mira ta' madwar EUR 55 biljun. Id-daqs tal-Miżura ta' Garanzija ta' Kontinġenza se jikkorrispondi għal dak tal-Fond.

8. L-aċċess għal ilma tax-xorb sikur

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ilma tax-xorb, ippreżentata fl-1 ta' Frar 2018, kienet frott l-ewwel Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li rnexxiet. Din ittejjeb il-qagħda ta' madwar żewġ miljun persuna fl-UE. Attwalment, kull sena madwar 5% tal-popolazzjoni tal-UE tinsab f'riskju minħabba problemi tas-saħħa b'rabta mal-ilma (dan ivarja ferm bejn il-pajjiżi differenti tal-UE). L-iskarsezza tal-ilma taffettwa 11% tal-popolazzjoni tal-UE. Il-proposta tnaqqas ir-riskju għas-saħħa għal inqas minn 1% u tiżgura l-aċċess għall-ilma għal kulħadd. B'ilma tal-vit iktar sikur, jonqos il-konsum tal-ilma tal-flixkun, u fl-istess ħin jiġu ffrankati l-flus, l-iskart tal-plastik u l-emissjonijiet tas-CO_2.

9. Ir-riforma tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

Fl-2017, 17-il miljun Ewropew — 3,3% tal-popolazzjoni tal-UE — għexu jew ħadmu fi Stat Membru differenti minn tagħhom, jiġifieri kważi d-doppju meta mqabbel ma' għaxar snin qabel. L-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'pajjiżi differenti tal-UE hija kumplessa, u tkun ta' piż għall-ħaddiema, għal min iħaddem kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Il-proposta tal-Kummissjoni, ippreżentata fit-13 ta' Diċembru 2016, twassal biex ir-regoli jkunu iktar sempliċi u iktar ġusti.

10. L-Istrument għall-Akkwist Internazzjonali

Is-suq dinji tal-akkwist pubbliku għandu valur ta' xi EUR 8 triljun kull sena, iżda iktar minn nofsu mhux miftuħ għall-kumpaniji tal-UE — li jirbħu madwar EUR 10 biljun biss tal-kuntratti fil-pajjiżi terzi. Jekk is-swieq jinfetħu, dan ikun tajjeb għall-impjiegi u għat-tkabbir fl-Ewropa, iżda jkun ifisser ukoll inqas kostijiet fil-pajjiżi kkonċernati. Il-proposta rreveduta tal-Kummissjoni, ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2016, tipprevedi għodda ġdida biex jiġi indirizzat il-protezzjoniżmu f'ħafna pajjiżi barra mill-Ewropa — inkluż, meta ma jifdalx triq oħra, billi l-kumpaniji mill-pajjiżi protezzjonisti jiġu żvantaġġati fl-offerti għas-sejħiet għall-offerti fil-pajjiżi Ewropej.

.

ANNESS V

Ċifri ewlenin għall-UE 2014-2019

Appoġġ għall-UE



62 % huma favur l-UE – imqabbla ma' 50 % qabel inħatret din il-Kummissjoni

L-impjiegi



240 miljun qed jaħdmu fl-UE – imqabbla ma' 228 miljun fi Q4 2014

L-euro

175 miljun ruħ **f'60** pajjiż madwar id-dinja jużaw l-euro jew għandhom il-munita tagħhom marbuta miegħu

Il-qgħad



F'Marzu 2019, **6,4 %** kienu qiegħda meta mqabbla ma' 10,6 % fi Frar 2014

Tkabbir ekonomiku



6 snin ta' tkabbir mingħajr waqfien

Il-qgħad fost iż-żgħażagħ



Fl-UE, il-qgħad fost iż-żgħażagħ naqas minn 21,7 % fl-2014 għal **14 %** fl-aħħar tal-2018

Pagi



Sena fiskali 2014 - 2019

Il-pagi naqsu wara l-kriżi iżda raw żieda sinifikanti, b'mod partikolari mill-2017 'l hawn. Bejn l-2014 u l-2019 il-pagi żdiedu b'**5,7 %** u bi **3,9 %** fiż-żona euro

Indikazzjoniji et ġeografiċi



Mill-2014, **232** inbid, spirtu jew prodott tal-ikel addizzjonali (Choucroute d'Alsace – Franza, Salam de Sibiu – ir-Rumanija, Cornish Pasty – ir-Renju Unit) ġew protetti skont ir-regoli tal-UE kontra l-kompetizzjoni inġusta; żieda ta' **19%**

Prezzijiet stabbli



sa mill-introduzzjoni tal-euro fl-1999, l-inflazzjoni fiż-żona euro laħqet **medja ta' 1,7 %**

Esportazzjonijiet

36 miljun impjieg fl-UE — **1 minn kull 7** — huma sostnuti mill-esportazzjonijiet

Ftehimiet kummerċjali

Ftehimiet ġodda ma' **15-il sieħeb** (+4 konklużi ma' 13-il pajjiż addizzjonali)

L-ikbar sieħeb kummerċjali



L-UE hija l-ikbar sieħeb kummerċjali u l-**1el** għal **80 pajjiż**, filwaqt li l-Istati Uniti huma l-aqwa sieħeb kummerċjali ta' 20 pajjiż biss

Sapport għat-tfal fil-bżonn

Sa mill-2014, il-finanzjament mill-UE pprovda opportunitajiet ta' edukazzjoni lil iktar minn **6,5 miljun tifel u tifla** f'55 pajjiż li qed jiffaċċjaw kunflitti u diżastri

Maniġment b'diversità tal-ġeneru



39,9 % tal-pożizzjonijiet fil-maniġment tal-Kummissjoni Ewropea issa huma okkupati minn nisa, meta mqabbel ma' 30 % f'Novembru 2014; żieda ta' 30 %.

Migrazzjoni



90 % tnaqqis f'wasliet irregolari mill-2015

Iktar użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

Fl-2018 l-uffiċjali tal-pulizija u l-gwardji tal-fruntiera kkonsultaw is-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen iktar minn 6 biljun darba — żieda ta' **200 %** meta mqabbel mal-2014. F'267 239 każ, it-tfittxija għal persuni jew oġġetti pprovdiet riżultati

Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka

5 500 xjenzat mill-aqwa ngħataw fondi mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council), **4** minnhom ingħataw il-Premju Nobel

Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

Fl-2017 u fl-2018, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat **52** darba

Emissjonijiet ta' gass serra



tnaqqsu bi **22 %** bejn l-1990 u l-2017, filwaqt li l-prodott domestiku gross kiber bi 58 % waqt l-istess perjodu

Sajd sostenibbli



Il-kwota tal-ħut mistad b'mod sostenibbli fl-Atlantiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku iktar minn **irdoppjat** sa mill-2014 'l hawn

Id-Djalogi taċ-Ċittadini



Iktar Inizjattivi taċ-Ċittadini tal-Unjoni rreġistrati



Għajnuna umanitarja tal-UE



B'inqas minn **EUR 4** kull ċittadin, l-UE kull sena tgħin biex issalva l-ħajjiet ta' **130 miljun persuna** li jsibu ruħhom fi kriżijiet umanitarji madwar id-dinja

L-UE hija l-ikbar donatur fid-dinja ta' għajnuna għall-iżvilupp



Il-programm Erasmus



Sa mill-1987 ipparteċipaw 10 miljun student, apprendist u għalliem

Il-Kummissjoni pproponiet li tirdoppja l-baġit tal-Erasmus għall-baġit fit-tul li jmiss tal-UE. B'hekk għandna nkunu nistgħu nassistu **12-il miljun persuna addizzjonali** bejn l-**2021 u l-2027**